3. **It-talbiet ta' interċessjoni** (jew tal-Fidili) jinqraw dawk li nsibu fil-Ktieb tal-Funerali, iżda jekk il-familjari jkunu jixtiequ li jiktbu xi talbiet huma, dawn għandhom dejjem jintwerew lis-saċerdot li jkun se jqaddes minn qabel, jiġifieri lejliet il-jum tal-funeral. Ma jkunx possibbli li jsiru aktar minn erba' talbiet. It-talbiet ta' interċessjoni jinqraw mill-microphone tal-genb tal-presbiterju. L-ambone jitħalla ghax-xandir tal-Kelma t'Alla.

4. **L-innijiet waqt il-quddiesa għandhom ikunu dawk liturġiċi**. Għandha tiġi evitata li tindaqq mużika assoċċjata m'attivitajiet sportivi u soċjali. Importanti nirrispettaw is-sens sagru tas-sagrifiċċju tal-quddiesa.

5. Bħala **offerti**, ikollna tlieta.

6. **Fuq it-tebut ma jitqiegħed xejn ħlief is-Salib** li jkun fuq l-għatu. Dan ifisser, la fjuri u lanqas bnadar jew oġġetti oħra. Lanqas ma jitqegħdu ritratti tal-mejjet jew tal-mejta fuq it-tebut. Il-persuna mejta fil-knisja hija biżżejjed biex tfakkarna fil-preżenza ta'dak li jkun ħalliena.

7. Huwa **ċ-ċelebrant** li fl-aħħar tal-quddiesa **jirringrazzja** lil dawk preżenti f'isem il-familjari, għalhekk ma jsirux eloġji jew poeżiji minn xi membru tal-familja. Ħafna minn dawn id-dispożizzjonijiet jinsabu fiċ-ċirkolari tal-Kurja li tirregola l-Funerali fil-knejjes tagħna.

8. **It-tifkira tal-mejjet/mejta** (santi) ikunu jistgħu jitqassmu eżatt kif iċ-ċelebrant jidħol fis-sagristija ***wara* l-quddiesa**. Ikollkom ħin biżżejjed. Nitolbukom ma tqassmux tifkiriet f'xi ħin ieħor tal-quddiesa għax ittellfu l-ġabra li suppost ikollna waqt iċ-ċelebrazzjoni.

9. Meta t-tebut iħalli l-Knisja wara l-quddiesa, araw li **ma ddumux iżżejjed** fuq iz-zuntier biex issellmu lil xulxin ħalli b'hekk il-funeral jipproċedi lejn iċ-ċimiterju mingħajr dewmien żejjed.

10. Araw li **l-fjuri** li tordnaw ma jkollhomx reċipjenti jqattru l-ilma għax iħammġu l-knisja. Tkun ħaġa xierqa li jitħallew xi bukkett tal-fjuri quddiem is-Sagrament. Dan iżda, fil-liberta tal-familjari.

11. Min ikun irid juża **l-orgni l-kbir tal-kanen**, (pipe organ), jinfurmana minn qabel.

12. It-trasport tal-kadavru, bil-*hearse* kemm mill-isptar għas-Santwarju kif ukoll saċ-ċimiterju, **ma jkunx jista' jieqaf f'xi post partikolari** li jkunu jixtiequ l-qraba, iżda jieħu l-korsa normali tiegħu.

13. Importanti li l-familjari u l-qraba **jkunu l-isptar kmieni** kemm jista' jkun biex malli jasal is-saċerdot, dan jgħid it-talba u t-trasport lejn is-Santwarju jibda minnufih

14 Meta l-funeral isir bil-karrozzella biż-żwiemel, is-saċerdot jilqa' l-mejjet fil-bieb tal-knisja fejn tkun sejra tiġi ċelebrata l-quddiesa tal-funeral bit-talb li s-soltu jingħad fid-dar tal-mejjet jew fil-kamra mortwarja. Wara l-quddiesa, jwassal il-katavru sal-bieb tal-knisja.

15 Min ikollu xi diffikulta`, tajjeb jikkuntattja lill-Arċipriet (mob: 79274587).

16 Kull tlett xhur issir **stedina** għal dawk il-qraba li jkunu tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom għall-quddiesa ta' suffraġju fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.

Nirringrazzjawkom ħafna jekk tikkoperaw ma' dawn l-istruzzjonijiet għall-ġid tagħna lkoll.

# PARROĊĊA MADONNA TAL-GRAZZJA ĦAŻ-ŻABBAR

## IL-QUDDIESA TAL-FUNERAL FIL-KNISJA-SANTWARJU

Għeżież,

Nixtiequ nissieħbu magħkom fin-niket tagħkom f'dan il-mument iebes għalikom. Se nagħtukom **xi punti** biex jgħinukom ħalli l-funeral fil-parroċċa tagħna jsir b'mod dinjituż u qaddis.

1. Il-parroċċa tipprovdi **saċerdot wieħed** li jmexxi l-quddiesa tal-funeral. Jekk tkunu tridu xi saċerdoti oħra biex jikkonċelebraw, ikun jinħtieġ li tfittxuhom intom.

2. Araw minn qabel **min se jaqra l-lezzjoni**. Dawn għandhom ikunu persuni li jkunu jafu jaqraw sewwa ħalli jxandru l-Kelma t'Alla b'mod xieraq. Normalment**, tinqara lezzjoni waħda u s-Salm Responsorjali.**